MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 398/2011

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Xoghol u Familja**

**vs**

**First Gemini plc**
**C-368**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2012 fejn is-socjeta rikorrenti First Gemini plc talbet lill-Qorti sabiex ittra ufficjali mibghuta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Xoghol u Familja a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tigi dikjarata bhala infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta rikorrenti qatt ma talbet is-servizz li tieghu qed

jintalab il-hlas da’ parte ta’ l-intimat u qatt ma giet mitluba sabiex taghmel xi tip ta’ hlas.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ L-Edukazzjoni Xoghol u Familja datata 6 ta’ Frar 2012 fejn dawn laqaw ghat-talba maghmulha billi qal illi s-socjeta rikorrenti kienet accettat illi isir reklamar fil-Magazine ippubblikat mill-Ministeru u wara li dana gie ppubblikat, giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti.

Rat in-nota pprezentata mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ L-Edukazzjoni Xoghol u Familja fit-18 ta’ Gunju 2012 fejn giet esebita korrispondenza relatata max-xoghol meritu tal-kaz odjern, u l-Affidavit ta’ Carmen Rita Bugeja.

Rat ix-xhieda ta’ Mark Spiteri u Dr Aldo Vella moghtija fit-22 ta’ Ottubru 2012.

Rat in-nota ipprezentata fit-12 ta’ Novembru 2012 fejn is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni Xoghol u Familja iddikjara illi ma ghadx ghandu interess fl-ittra ufficjali peress illi l-imsemmi hlas m’huwiex dovut mal-kumpannija First Gemini plc, izda minn kumpannija ohra.

Rat illi fl-14 ta’ Jannar 2013, il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-fatti kif fuq indikati.

Illi jirrizulta carament li l-ittra ufficjali meritu tar-rikors odjern inharget kontra kumpannija zbaljata, u dana kemm mill-provi prodotti mir-rikorrenti stess kif ukoll min-nota ipprezentata mill-intimati fuq imsemmi.

Illi ghalhekk, it-talba tas-socjeta rikorrenti kif dedotta tirrizulta.

Il-Qorti ghalhekk

Taqta u tiddeciedi billi tilqa t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Novembru 2012 fl-ismijiet fuq

premessi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi mahruga kontra persuna erroneja.

Spejjez ta’ tali proceduri huma kollha a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------